**237. Il-Prim Ministru, l-Onor. Eddie Fenech Adami, jipproponi:**

Billi l-Kummissjoni Elettorali fit-2 ta' Mejju 1995 għarrfet lill-Prim Ministru li għamlet tibdil fil-konfini elettorali u kopja tal-istess rapport tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra fl-istess data u

Billi l-artikolu 61 (3) (c) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi li "mhux aktar tard minn ħames xhur wara li l-Prim Ministru jirċievi dak it-tagħrif, il-Kamra tista' b'riżoluzzjoni jew tapprova t-tibdil jew tibagħtu lura lill-Kummissjoni biex terġa' tikkonsidrah mill-ġdid"

Din il-Kamra qiegħda b'din ir-riżoluzzjoni tapprova t-tibdil fil-konfini tad-distretti elettorali kif magħmula fl-istess rapport.

.

24.07.1995

**L-Onor. Alfred Sant ressaq din l-emenda “A”:**

“Ħassar l-aħħar paragrafu u minfloku daħħal:

> “Billi din il-Kamra mhijiex sodisfatta li t-tibdil li sar fil-konfini tad-distretti elettorali jassigura li dawn id-distretti jkunu mqassma b'mod tassew ġust u trasparenti:
>
> Għalhekk din il-Kamra tiddeċiedi li tibgħat lura lill-Kummissjoni Elettorali r-rapport tagħha ħalli tikkunsidrah mill-ġdid.””

26.09.1995

**L-Emenda “A” m’għaddietx fis-Seduta 452 tas-27 ta’ Settembru 1995.**

**Il-Mozzjoni għaddiet fis-Seduta 452 tas-27 ta’ Settembru 1995.**